

Paġna ewlenija > Leġiżlazzjoni u każistika > Leġiżlazzjoni nazżjonali

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [de](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Swipe to change

il-Ġermaniż**Leġiżlazzjoni nazżjonali****Awstrija**

Introduzzjoni – Din il-paġna tipprovdi informazzjoni dwar l-ordinament ġuridiku Awstrijak u farsa ġenerali lejn il-liġi Awstrijaka.

Ma hemm l-ebda traduzzjoni uffiċjali tal-verżjoni tal-lingwa li qed tara.

Hawnhekk tista' tara verżjoni tradotta awtomatikament ta' dan il-kontenut. Jekk jogħġbok innota li din hi pprovdata biss għal finijiet kumentwali. Is-sid ta' din il-paġna ma jaċċetta ebda responsabbiltà jew obligazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' dan it-test tradott b'mod awtomatiku.

-----il-Malti-----il-Bulgarul-Ispanjoliċ-Ċekid-Daniżl-Estonjanil-Griegl-Ingliżil-FranċiżKroatit-Taljanil-Latvjanil-Litwanil-Ungerizl-Olandiżil-Pollakkil-Portugiżir-Rumenis-Slovakkis-Slovenil-Finlandiżl-Isvediż

Sorsi ġuridiċi

Il-liġi Awstrijaka hija primarjament liġi miktuba (*gesetztes*). Min-naħa l-oħra l-liġi konswetudinarja għandha rwol ristrett ferm. Is-sentenzi tal-ogħla qrati jipprovdu gwida importanti għall-applikazzjoni tal-liġi, u huma ta' importanza kbira, iżda l-liġi żviluppata mill-ġurisprudenza mhijiex formalment rikonoxxuta bħala sors ta' liġi.

Il-Kostituzzjoni Awstrijaka tiddikjara li n-normi ġeneralment rikonoxxuti tad-dritt internazzjonali jagħmlu parti mil-liġi federali tal-Awstrija, u tipprevedi għall-inkorporazzjoni tat-**trattati internazzjonali** fl-ordinament ġuridiku Awstrijak (bi jew mingħajr leġiżlazzjoni speċifika). Il-klassifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-trattati fl-ordinament ġuridiku nazżjonali hija determinata mill-kontenut tagħhom.

Sabiex jiġu approvati fin-Nationalrat (il-kamra tad-deputati tal-Parlament Awstrijak), it-trattati internazzjonali li jemendaw jew li jissupplimentaw il-Kostituzzjoni jeħtieġu l-istess maġġoranza speċjali bħal-liġijiet federali kostituzzjonali. Trattati li jemendaw jew li jissupplimentaw il-liġi statutorja jeħtieġu l-istess kworums bħall-istatuti.

Bħala prinċipju, il-President Federali jikkonkludi trattati internazzjonali fuq talba tal-gvern federali jew tal-ministru federali li jkun ingħata din is-setgħa mill-gvern. It-trattati politiċi u t-trattati li jemendaw jew li jissupplimentaw il-leġiżlazzjoni jeħtieġu l-kunsens minn qabel tan-Nationalrat. Il-President Federali jista' jagħti s-setgħa lill-gvern federali jew lill-membri rilevanti tal-gvern federali biex jikkonkludu ċerti kategoriji ta' trattati internazzjonali li mhumiex politiċi u li la jemendaw u lanqas ma jissupplimentaw il-leġiżlazzjoni.

Skont il-Kostituzzjoni tal-Awstrija, id-**disa' provinċji** (*Bundesländer*) huma lkoll soġġetti għad-**dritt kostituzzjonali provinċjali** tagħhom stess minbarra li huma soġġetti wkoll għad-dritt kostituzzjonali federali. Id-dritt kostituzzjonali provinċjali ma għandux ikun inkonsistenti mad-dritt kostituzzjonali federali, u għalhekk huwa **subordinat** għalih. Iżda fil-prinċipju m'hemmx din l-ordni ta' preċedenza bejn il-liġijiet federali u l-liġijiet tal-provinċji. Mill-1988, l-istati jistgħu jikkonkludu wkoll trattati internazzjonali fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom. Madankollu, fil-qasam tal-affarijiet barranin, il-gvern federali jżomm is-supremazija tiegħu.

Tipi ta' strumenti legali – ġerarkija tan-normi

Biex tgħaddi, leġiżlazzjoni kostituzzjonali Federali teħtieġ maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti fin-Nationalrat, b'tal-anqas nofs il-membri preżenti. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni maħluqa b'dan il-mod għandha tkun speċifikament deżinjata bħala "att kostituzzjonali" jew "dispożizzjoni kostituzzjonali".

Min-naħa l-oħra, riżoluzzjoni valida dwar dispożizzjoni bbażata fuq liġi statutorja Federali teħtieġ il-preżenza ta' mill-inqas terz tal-membri tan-Nationalrat u maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa.

1. Prinċipji ta' gwida tal-Kostituzzjoni

Il-prinċipji gwida li ġejjin (*Grundprinzipien*) tal-Kostituzzjoni Awstrijaka huma l-aktar dispożizzjonijiet importanti fl-ordinament ġuridiku tal-pajjiż:

il-prinċipju demokratiku

il-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat

il-prinċipju tal-istat tad-dritt

il-prinċipju repubblikan

il-prinċipju federali, u

il-prinċipju liberali.

Fliemkien, dawn il-prinċipji gwida jiffurmaw dak li jissejjaħ l-**ordni kostituzzjonali fundamentali** (*verfassungsrechtliche Grundordnung*).

Huma għandhom importanza kostituzzjonali kbira. Jekk **emenda prinċipali tal-Kostituzzjoni** twassal għall-abbandun ta' xi wieħed mill-prinċipji gwida, jew tbiddel b'mod sostanzjali r-relazzjoni bejn dawk il-prinċipji, din titqies bħala reviżjoni komprensiva tal-Kostituzzjoni u **teħtieġ tiġi approvata b'referendum**.

2. Id-dritt primarju u sekondarju tal-UE

L-**adeżjoni tal-Awstrija mal-Unjoni Ewropea** fl-1 ta' Jannar 1995 kienet tirrikjedi reviżjoni komprensiva tal-Kostituzzjoni Awstrijaka. Mill-adeżjoni tal-Awstrija, l-ordinament ġuridiku huwa bbażat mhux biss fuq id-dritt kostituzzjonali Awstrijak iżda wkoll fuq id-dritt tal-Unjoni (**duwaliżmu kostituzzjonali**). Skont l-opinjoni prevalenti **d-dritt tal-Unjoni jipprevali fuq id-dritt nazżjonali** kif ukoll fuq id-dritt kostituzzjonali federali ordinarju, iżda mhux fuq il-prinċipji gwida tal-Kostituzzjoni.

3. Dritt kostituzzjonali federali "ordinarju"

Id-dritt kostituzzjonali jstabbilixxi r-regoli tax-xena politika, billi jispeċifika:

il-proċedura leġiżlattiva

l-istatus tal-ogħla korpi fi ħdan l-istat

ir-relazzjoni bejn il-gvern federali u l-provinċji fil-proċess leġiżlattiv u l-applikazzjoni tal-liġi, u

il-kontroll tal-azzjoni tal-gvern mill-qrati tal-liġi pubblika.

4. Statut Federali

Il-prinċipju fundamentali tal-istat tad-dritt stabbilit fil-Kostituzzjoni jeħtieġ li l-applikazzjoni tal-liġi fl-amministrazzjoni pubblika u fil-qrati ssir skont il-liġi. Il-Kostituzzjoni taqsa is-setgħat leġiżlattivi bejn il-gvern federali u l-provinċji.

5. Regolamenti

Ir-Regolamenti (*Verordnungen*) huma **dispożizzjonijiet legali ġenerali magħmula minn awtoritajiet amministrattivi** li huma vinkolanti fuq il-persuni kollha soġġetti għal-liġi. Il-Kostituzzjoni tikkonferixxi awtorizzazzjoni ġenerali għall-ħruġ ta' regolamenti ta' implimentazzjoni bil-għan li jiġu elaborati aktar ir-regoli stabbiliti f'dispożizzjonijiet aktar ġenerali, ħafna drabi liġijiet. Ir-regolamenti jistgħu jemendaw jew jissupplimentaw liġijiet biss meta jkun hemm awtorizzazzjoni espressa fil-Kostituzzjoni.

6. Deċiżjonijiet

Id-Deċiżjonijiet (*Bescheide*) huma primarjament atti amministrattivi li japplikaw il-liġi li huma indirizzati biss lejn il-persuni msemmija f'dawk id-deċiżjonijiet.

Qafas istituzzjonali

Il-leġiżlatura

Il-Kostituzzjoni taqsa il-poteri bejn il-gvern federali u l-provinċji, b'diversi entitajiet involuti fil-proċess leġiżlattiv.

In-Nationalrat jipprova l-leġiżlazzjoni federali, ġeneralment bl-involvement tal-**Bundesrat** (is-senat tal-Parlament Awstrijak). Il-183 membru tan-Nationalrat jiġu eletti direttament mill-poplu. Madankollu, il-Bundesrat jiġi eletti mill-kunsilli provinċjali (*Landtage*). B'hekk regola l-Bundesrat huwa awtorizzat biss jippreżenta oġġezzjoni sospensiva għal abbozz ta' liġi.

Il-liġi provinċjali tiġi promulgata mill-kunsilli provinċjali.

Il-proċedura leġiżlattiva

Abbozzi ta' liġijiet jistgħu jiġu sottomessi lin-Nationalrat kif ġej:

mill-membri tan-Nationalrat innifsu (abbozz ta' liġi privata)

mill-gvern federali (abbozz ta' liġi tal-gvern), jew

mill-Bundesrat.

Barra minn hekk, inizjattiva taċ-ċittadini għandha titressaq quddiem in-Nationalrat għal diskussjoni jekk tkun iffirmata minn 100 000 votant, jew minn wieħed minn kull sitta tal-votanti fi tliet provinċji.

Fil-prattika, il-biċċa l-kbira tal-**inizjattivi leġiżlattivi** joriġinaw mill-**gvern federali**. Abbozzi ta' liġijiet tal-gvern federali jeħtieġu approvazzjoni unanima tal-gvern federali (fil-kabinett). Dawn jiġu abbozzati mill-ministru rilevanti, u qabel ma jiġu approvati mill-gvern jintalbu l-kummenti ta' korpi oħra, b'hekk provinċji jew partijiet interessati oħra.

Wara li jkun għaddew fin-Nationalrat, l-abbozzi ta' liġijiet jeħtieġu l-kunsens tal-Bundesrat. (L-abbozzi tal-liġijiet federali tal-finanzi ma għandhomx għalfejn jiġu sottomessi lill-Bundesrat – is-sovraniċità federali tan-Nationalrat.) Il-Kanċillier imbagħad jissottometti l-abbozzi tal-liġijiet lill-President għall-**awtentikazzjoni**. In-Nationalrat jista' jiddeċiedi li jsir **referendum** dwar abbozz ta' liġi. Referendum jista' jintalab ukoll minn maġġoranza tal-membri tan-Nationalrat. F'dan il-każ, abbozz ta' liġi li jkun diġà għadda min-Nationalrat għandu mbagħad jiġi approvat permezz ta' referendum qabel jiġi awtentikat. Barra minn hekk kull revizzjoni komprensiva tal-Kostituzzjoni teħtieġ li tkun soġġetta għal referendum.

Il-President jiċċertifika li att ikun għadda f'konformità mal-Kostituzzjoni billi jiffirmah. Dik l-**awtentikazzjoni** mbagħad trid tiġi kontrofirmata mill-Kanċillier.

Ladarba l-Kanċillier jikkontrofirmaha, il-leġiżlazzjoni federali tiġi ppubblikata fil-Bundesgesetzblatt (Il-Gazzetta tal-Liġi Federali). Sakemm liġi nnifisha ma tinkludix dispożizzjoni espliċita għal effett retroattiv jew tispeċifika d-data meta għandha tidħol fis-seħħ (*vacatio legis*), din **tidħol fis-seħħ** fl-aħħar tal-jum tal-pubblikazzjoni u tad-distribuzzjoni tal-ħarġa tal-Gazzetta tal-Liġi Federali li fiha tiġi ppubblikata.

Att jista' jiġi abrogat jew b'mod espliċitu (deroga formali) jew bil-moġħdija ta' leġiżlazzjoni ġdida li l-kontenut tagħha ma jkunx konsistenti mad-dispożizzjoni preċedenti (deroga materjali), mingħajr dikjarazzjoni formali li d-dispożizzjoni preċedenti ma għadhiex fis-seħħ (*lex posterior derogat legi priori*). Normi speċifiċi jipprevalu fuq dawk ġenerali (*lex specialis derogat legi ġenerali*). Il-perjodu ta' validità ta' liġi jista' anke jiġi determinat mill-bidu.

Bażijiet ta' data ġuridiċi

Ir-**Rechtsinformationssystem des Bundes** (Is-Sistema ta' Informazzjoni Ġuridika tar-Repubblika tal-Awstrija), operata mill-**Ministeru Federali għall-Affarijiet**

Diġitali u Ekonomiċi, tipprovi aċċess online għal-leġiżlazzjoni Awstrijaka.

L-aċċess għall-bażi tad-data huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess għar-**Rechtsinformationssystem des Bundes** huwa mingħajr ħlas.

Deskrizzjoni qasira tal-kontenut

Is-**Sistema ta' Informazzjoni Ġuridika tar-Repubblika tal-Awstrija** tipprovi informazzjoni dwar:

Dritt Federali

Dritt Federali (verżjoni konsolidata)

Verżjoni awtorevoli tal-Gazzetta tal-Liġi Federali Awstrijaka (*Bundesgesetzblatt*) mill-2004

Gazzetta tal-Liġi Federali Awstrijaka 1945-2003

Gazzetti tal-Liġi Federali u Imperjali (*Reichs-, Staats- u Bundesgesetzblatt*) 1848-1940

Ġabriet ta' liġijiet u ta' regolamenti 1740-1848 (estern)

Gazzetti tal-Liġi Ġermaniża (*Reichsgesetzblatt*) 1919-1945 (estern)

Abbozzi ta' liġijiet (*Begutachtungsentwürfe*)

Abbozzi ta' liġijiet tal-gvern (*Regierungsvorlagen*)

Liġi Provinċjali

Liġi Provinċjali (verżjoni konsolidata)

Gazzetti tal-liġi provinċjali awtorevoli u mhux awtorevoli (*Landesgesetzblätter*) (diversi perjodi ta' żmien)

Liġi muniċipali: għażla ta' dispożizzjonijiet legali ta' muniċipalitajiet tal-provinċji li ġejjin:

Carinthia (il-muniċipalitajiet kollha)

L-Awstrija t'Isfel

L-Awstrija ta' Fuq

Salzburg

Styria

Vjenna

Sentenzi

Qorti Kostituzzjonali (*Verfassungsgerichtshof*)

Qorti Amministrattiva (*Verwaltungsgerichtshof*)

Il-lista ta' atti leġiżlattivi (*Normenliste*) imfassla mill-Qorti Amministrattiva Suprema

Sentenzi tal-Qorti Suprema (*Oberster Gerichtshof*), tal-ogħla qrati reġjonali (*Oberlandsgerichte*), tal-qrati reġjonali (*Landesgerichte*), tal-qrati distrettwali (*Bezirksgerichte*) u tal-Qorti Suprema tal-Privattivi u tat-Trade Marks (*Oberste Patent- und Markensenat*), u sentenzi internazzjonali

Qorti Amministrattiva Federali (*Bundesverwaltungsgericht*)

Qrati Amministrattivi Reġjonali (*Landesverwaltungsgerichte*)

Qorti Fiskali Federali (*Bundesfinanzgericht*) (estern)

L-awtorità għall-Protezzjoni tad-*Data* (qabel l-2014: Kummissjoni għall-Protezzjoni tad-*Data*)

Kummissjonijiet Dixiplinari, Kummissjoni Dixiplinari Suprema, Tribunal tal-Appelli (*Disziplinarkommissionen, Disziplinaroberkommission, Berufungskommission*)

L-awtorità Superviżorja għar-Rappreżentanza tal-Impjegati (*Personalvertretungsaufsichtsbehörde*) (qabel l-2014: It-Tribunal Superviżorju għar-Rappreżentanza tal-Impjegati (*Personalvertretungs-Aufsichtskommission*))

Kummissjonijiet għat-Trattament Ugwali (*Gleichbehandlungskommissionen*) mill-2014

Kummissjonijiet għat-Trattament Ugwali (*Gleichbehandlungskommissionen*) mill-2008 (estern)

Dokumentazzjoni finanzjarja, Tribunal tal-Finanzi Indipendenti (*Unabhängiger Finanzsenat*) (estern)

Tribunali Amministrattivi Indipendenti (*Unabhängige Verwaltungssenate*) – għażla ta' deċiżjonijiet mill-1991 sal-2013

Qorti tal-Ażil (*Asylgerichtshof*) – Lulju 2008 sal-2013

Bord Federali Indipendenti tal-Ażil (*Unabhängiger Bundesasylsenat*) – għażla ta' deċiżjonijiet mill-1998 sal-aħħar ta' Ġunju 2008

Tribunal Ambjentali (*Umweltsenat*) - għażla ta' deċiżjonijiet mill-1994 sal-2013

Bord Federali tal-Komunikazzjonijiet (*Bundeskommunikationssenat*) – għażla ta' deċiżjonijiet mill-2001 sal-2013

Korpi għas-sorveljanza tal-akkwist pubbliku (*Vergabekontrollbehörden*) – għażla ta' deċiżjonijiet sal-2013

Deċiżjonijiet tal-Qorti Suprema u tal-Qorti tal-Kassazzjoni f'Materji Ċivili u Kriminali (1885-1897) (estern)

Ġabra tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Imperjali Awstrijaka (*Reichsgericht*) 1869-1918 (estern)

Ġabra tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Amministrattiva Awstrijaka (*Verfassungsgerichtshof*) 1919-1979 (estern)

Ġabra tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Amministrattiva Awstrijaka (*Verfassungsgerichtshof*) 1876-1934 (estern)

Proklamazzjonijiet oħrajn:

Regolamenti għall-eżamijiet ta' kapumastri u għall-eżamijiet tal-kompetenza professjonali skont il-Kodiċi Industrijali (*Gewerbeordnung*)

Dispożizzjonijiet uffiċjali tas-sistema tas-sigurtà soċjali – awtorevoli mill-2002

Pjanijiet għall-Infrastruttura fil-Qasam tal-Kura tas-Saħħa (ÖSG, RSG)

Bullettini veterinarji uffiċjali (OVb) mill-15.9.2004

Ċirkulari ġenerali (*Erlässe*)

Ċirkulari maħruġa minn ministeri federali

Direttivi u ċirkulari maħruġa mill-Ministeru Federali tal-Finanzi (estern)

Ċirkulari maħruġa mill-Ministeru Federali tax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali, is-Saħħa u l-Protezzjoni tal-Konsumatur (*Bundesministerium für Arbeit, Soziales, Gesundheit und Konsumentenschutz*) fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali (estern)

Il-liġijiet Awstrijaċi

Xi liġijiet Awstrijaċi huma disponibbli wkoll bl-Ingliż.

Aktar informazzjoni

Aktar informazzjoni tista' tinstab fuq is-sit web tar-[Rechtsinformationssystem des Bundes](#).

L-aħħar aġġornament: 13/09/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.